MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Civili - Ghawdex Numru. 33/2004/1

**Tasika Auto Limited**

**vs**

**Roger u Antoinette konjugi Portelli, u b' digriet tat-13 ta' Ottubru 2006, il-Gudizzju gie trasfuz f' isem David, Simone mizzewga Tulk, Jonathan u Joanne xebba, ilkoll ahwa Portelli, minflok Roger Portelli li miet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Jannar, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviż li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx jiġu

kkundannati minn din il-Qorti sabiex iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf ħames mija u sebgħa u disgħin lira maltin u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm1597.43) rappreżentanti in kwantu l-ammont ta' elf erba' mija u tmienja u tmenin lira maltin (Lm1488) bħala import ta' kambjali aċċettati u ffirmati mill-konvenuti jew min minnhom, liema kambjali jinsabu hawn annessi u mmarkati bħala Dokument 'A' sa 'F', u in kwantu għas-somma ta' mija u disgħa liri maltin u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm109.43) bħala imgħax dovut fuq l-istess kambjali sat-tletin (300 ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002) .

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali mibgħuta f'Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) u bl-imgħaxijiet legali sad-data ta' l-effettiv pagament .

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

1. Illi l-ewwel u qabel kollox l-attur naqas li jiddepożita fil-Qorti l-kopja oriġinali tal-kambjali kif rikjesta mill-liġi u għandu jagħmel dan a spejjeż tiegħu permezz ta' nota ;

2. Illi l-ammont pretiż mill-attur kif ukoll il-ħlas tal-interessi mitluba mhumiex dovuti billi dawn ġia' jinsabu mħallsa u kien fadal biss li jitħallas il-bilanċ ta' sitt mija u wieħed u tmenin lira maltin (Lm681) għal raġunijiet imfissra u spjegati f'aktar dettal fl-ittra uffiċjali li ġiet spedita kontra s-soċjeta' attriċi fl-1 ta' April 2002, li kopja tagħha qed tiġi esebita u markata "A", liema somma ta' Lm681, l-eċċipjenti kienu lesti li jħallsu sa minn dak iż-żmien li saret l-ispedizzjoni ta' din l-ittra purche' li s-soċjeta' attriċi kellha tirrilaxxja lill-eċċipjenti l-kambjali kollha li kellha fil-pussess tagħha nklużi dawk li kien sar il-pagament kontra tagħhom u li l-istess soċjeta' attriċi baqgħet

tirrifjuta li tirrilaxxja l-pussess tal-kambjali mħallsa kif ukoll li tersaq sabiex tagħti l-kunsens tagħha għall-kanċellament tar-regulation 25 . Minflok ma s-soċjeta attriċi ppruvat tasal bil-kelma t-tajba mal-eċċipjenti, għażlet it-triq tal-konfrontazzjoni bil-preżentata tal-kawża kontra l-eċċipjenti fit-8 ta' Mejju, 2002, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Ġenerali, liema kawża kienet iġġib in-numru 38/2002, u li ġiet deċiża b'eżitu sfavorevoli għall-istess soċjeta' attriċi, u pront wara l-istess soċjeta' attriċi pprosegwiet bil-kawża odjerna ;

3. Illi għal raġunijiet fuq imsemmija u fl-ittra uffiċjali dokument "A", is-somma vantata mill-attur mhijiex dovuta fl-intier tagħha u anke dak li l-eċċipjenti jammettu li s-soċjeta' attriċi baqgħalha tieħu mingħandhom, huma kienu u għadhom lesti li jissaldawh mingħajr ir-rikors tal-proċeduri kollha li l-istess soċjeta' attriċi għażlet li tieħu u ma kien hemm lok li ssir ebda kawża u l-ispejjeż saru inutilment u għaldaqstant jekk jirriżulta li l-bilanċ li għad fadallu li jitħallas mill-eċċipjenti huwa ta' LM681, l-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jiġu akkollati kollha lis-soċjeta' attriċi, liema somma qed tiġi depożitata taħt l-awtorita' ta' din il-Qorti sabiex l-eċċipjenti jesimu ruħhom minn kull responsabbilita' għal kull eventwali ħlas tal-ispejjeż u mgħax ;

4. Illi konsegwentement hemm l-inkompetenza ta' din il-Qorti *rationae valoris ;*

5. Illi billi l-kambjali oġġett ta' din il-kawża ma ġewx ġirati u baqgħu biss bejn il-partijiet li ffirmaw l-istess kambjali, il-kambjali m'għandhomx ikollhom il-karattru ta' kreditu awtonomu għax il-kambjala tkun biss prova tad-dejn li nholoq bejn il-partijiet, u allura l-obbligazzjonijiet reċiproċi tal-istess partijiet huma relevanti għal kull kawża li ssir għall-ħlas . Fi kliem ieħor, azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li ħarġu l-istess, ma tistax

timxi waħedha mingħajr riferenza għall-ftehim li wassal għall-ħruġ tagħha . Il-leġislatur malti ma għamilx il-kambjala bħala magna ta' estorsjoni bħalma qed jipprova jagħmilha l-attur, iżda min jitlob ħlas fuqha jkun irid jiġġustifika t-talba tiegħu, għax altrimenti tista' tkun obbligazzjoni bla kawża li ma tistax tiġi enforzata . Il-kambjala hija ntiża biss biex tiffaċilita' pagament, u mhux għal skop ieħor – *pro solvendi* u mhux *pro soluto .* Huwa biss f'każ li l-kambjala tiġi ġirata li din takkwista l-karattru awtonomu tagħha, mentri fil-konfront tal-aċċettant l-eċċezzjonijiet li jolqtu l-mertu tal-obbligazzjoni għandhom jiġu eżaminati u jinstemgħu provi li jmorru lill-hinn minn dak li jista' jirriżulta mill-kambjala nnifisha [Prim'Awla Qorti Civili 16/01/2003 - J. Giordamaina vs J. Pace (citazz. 3391/96)] ;

6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbal tagħha tal-10 ta' Novembru 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Semgħet it-trattazzjoni tal-legali tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, l-affidavits u dokumenti oħra esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed tfittex li titħallas l-ammonti ndikati fl-Avviż, rappreżentanti l-import ta' sittax-il (16) kambjala ffirmati mill-konvenuta Antoinette Portelli a favur tas-soċjeta' attriċi, in konsiderazzjoni tal-bilanċ tal-prezz ta' karozza tat-tip Opel Astra mibjugħa lill-konvenuti konjuġi Portelli, u l-imgħaxijiet relattivi

mid-data ta' l-iskadenza ta' l-aħħar kambjala[1] . Il-konvenuti qed jikkontestaw l-ammont mitlub . Infatti fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom, jammettu illi kien għad fadlilhom bilanċ ta' sitt mija wieħed u tmenin lira maltija (Lm681) xi jħallsu, u dan irrifjutaw li jissaldawh għas-sempliċi raġuni li s-soċjeta' attriċi ma kienitx qed tirrifondilhom il-kambjali mal-ħlas . Madankollu fil-kors tas-smiegħ tal-kawża, bdew jikkontendu illi mhux talli ma kienx għad baqgħalhom xejn xi jħallsu, imma kienu ħallsu iż-żejjed .

Mill-provi prodotti jirriżulta illi il-karozza li dwarha qed jintalab il-ħlas kienet inxtrat skond ftehim iffirmat fil-21 ta' Frar 1997, bis-sistema ta' *hire purchase* b'*part exchange* ma' korozza oħra li l-konvenuti kienu preċedentement xtraw mingħand l-istess soċjeta' attriċi . Il-karozza l-ġdida kienet tiswa' sebat'elef u ħames mitt lira maltija (Lm7500) *on the road* . Il-qadima ġiet stmata tlett'elef u tmien mitt lira maltija (Lm3800), imma billi kien għad baqa' seba' mitt lira maltija (Lm700) dejn fuqha, l-konvenuti ingħataw kreditu ta' tliet elef u mitt lira maltija (Lm3100) fuq din il-karozza . Il-bilanċ ta' erbat'elef u erba' mitt lira maltija (Lm4400) kellu jitħallas permezz ta' sittin (60) kambjala ta' tlieta u disgħin lira maltija (Lm93) il-waħda, li jġibu s-somma ta' ħamest'elef ħames mija u tmenin lira maltija (Lm5580), tenut kont l-imgħaxijiet dovuti *a skaletta* fuq dawn il-kambjali li kellhom jitħallsu fuq firxa ta' ħames snin, b'effett mill-31 ta' Mejju 1997 u bl-aħħar pagament ikun dovut fit-30 ta' Mejju 2002[2] .

Bħala pagamenti in konsiderazzjoni ta' dan il-bilanċ, mid-data tal-kuntratt jirriżulta, mill-provi

---

Ara Dok. A a fol. 151 tal-process, u kopji fotostatici tal-kambjali relattivi esebiti bħala Dokti C sa J a fol. 23 - 30 tal-process .
ara ftehim ta' hire purchase relattiv : Dok. A a fol . 151; kif ukoll l-affidavits ta' Carmel Camillleri (a fol . 21) u ta' Roger Portelli (a fol. 141 - 143) u l-kopji tal-kambjali esebiti

mismugħa u dokumenti esebiti, illi laħqu saru s-segwenti :

1. erba' mitt lira maltija (Lm400) illi tħallsu fi flus kontanti direttament lis-soċjeta' attriċi fit-28 ta' Mejju 1997, tliet xhur wara li sar il-kuntratt; [3]

2. mitejn disa' u sebgħin lira maltija (Lm279) bħala import ta' tliet (3) kambjali, li tħallsu lis-soċjeta' attriċi permezz ta' *bank draft* no. 032578 maħruġ mill-Mid-Med Bank, Victoria, fil-5 ta' Novembru 1997; [4]

3. mitejn disa' u sebgħin lira mlatija (Lm279) oħra bħala import ta' tliet (3) kambjali, li tħallsu lis-soċjeta' attriċi permezz ta' *bank draft* no. 032581 maħruġ mill-Mid-Med Bank, Victoria, fil-5 ta' Novembru 1997 ukoll;[5] u

4. tnejn u erbgħin (42) pagament ta' tlieta u disgħin lira maltija (Lm93) l-waħda permezz ta' *standing orders* mill-kont tal-konjuġi Portelli għal fuq dak tas-soċjeta' attriċi[6] .

Jidher għalhekk illi l-ekwivoku li nqala' bejn il-kontendenti seħħ għaliex ma ttiħidx in konsiderazzjoni l-pagament ta' erba' mitt lira maltija (Lm400) li kien sar, kif spjegat fi-paragrafu numru 1 hawn fuq . Is-soċjeta' attriċi, minkejja dan il-pagament akkont, xorta waħda ħarġet sittin (60) kambjala, meta fil-fatt fuq bilanċ ta' erbat'elef lira maltija (Lm4000), li kien proprjament baqa', kellhom jinħarġu biss wieħed u ħamsin (51) kambjala ta' tlieta u disgħin lira maltija (Lm93) l-waħda, bl-aħħar pagament ikun ukoll ridott għal Lm79.54[7] .

---

[3] Dok. RP 1 a fol. 144 .
[4] Dok. RP 2 a fol. 144 .
[5] Dok. RP 3 a fol. 145 .
[6] ara xhieda ta' Michael Galea in rappreżentanza tal-Bank (a fol. 35 - 37) u d-dokumenti minnu esebiti a fol.71 - 127 ..
[7] Ara payment schedule anness ma' din is-sentenza

Għalhekk billi rriżulta sodisfaċentement illi l-konvenuti onoraw b'kollox sitt (6) kambjali permezz tal-pagamenti b' *bank drafts*, u tnejn u erbgħin (42) pagament permezz ta' li *standing orders*, b'kollox tmienja u erbgħin (48) kambjala, jiġi li għad baqgħalhom jagħmlu tajjeb biss għal tliet (3) kambjali, u ċioe' waħda ta' Diċembru 1997 (qabel ma bdew isiru li *standing orders*), u tnejn oħra ta' Gunju 2001 u ta' Lulju 2001 (wara li spiċċaw li *standing orders*) .

Huwa minnu illi din il-kawża tittratta l-ħlas ta' numru ta' kambjali li ma ġiex innegat li tassew ġew iffirmati mill-konvenuta Antoinette Portelli u għalhekk dan *prima facie* għandu jkun prova biżżejjed tad-dejn, imma kif intqal tant tajjeb f'dan ir-rigward fi kwistjoni simili :

"*Billi l-kambjali oġġett ta' din l-kawża ma ġewx ġirati u baqgħu biss bejn il-partijiet li ffirmaw l-istess kambjali, il-kambjali m'għandhomx ikollhom il-karattru ta' kreditu awtonomu għax il-kambjala tkun biss prova tad-dejn li nħoloq bejn il-partijiet, u allura l-obbligazzjonijiet reċiproċi tal-istess partijiet huma rilevanti għal kull kawża li ssir għall-ħlas . Fi kliem ieħor, azzjoni fuq kambjala bejn il-partjiet li ħarġu l-istess, ma tistax timxi waħedha mingħajr referenza għall-ftehim li wassal għall-ħruġ tagħha . Il-leġislatur malti ma għamilx il-kambjala bħala magna ta' estorsjoni bħalma qed jipprova jagħmilha l-attur, iżda min jitlob ħlas fuqha jkun irid jiġġustifika t-talba tiegħu, għax altrimenti tista' tkun obbligazzjoni bla kawża li ma tistax tiġi enforzata . Il-kambjala hija ntiża biss biex tiffaċilita pagament, u mhux għal skop iehor -* ***pro solvendi*** *u mhux* ***pro soluto*** *. Huwa biss f'każ li l-kambjala tiġi ġirata li din takkwista l-karattru awtonomu tagħha, mentri fil-konfront tal-aċċettant l-eċċezzjonijiet li jolqtu l-mertu tal-obbligazzjoni għandhom jiġu*

*eżaminati u jinstemgħu provi li jmorru lill'hinn minn dak li jista' jirriżulta mill-kambjala nnifisha*." [8]

Hu hawnhekk bħal f'dak il-każ, m'għandniex kambjali li ġew ġirati ma' terzi u għalhekk huma applikabbli l-istess prinċipji hawn imfissra .

Jiġi għalhekk illi għadhom dovuti mill-konvenuti lis-soċjeta' attriċi l-import tat-tliet kambjali hawn fuq speċifikati, u ċioe' Lm93 + Lm93 + Lm79.54 = Lm265.54, flimkien ma' l-imgħaxijiet relattivi, mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjala relattiva sad-data tal-pagament effettiv .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, tilqa' biss *in parte* t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' mitejn ħamsa u sittin lira maltija u erba' u ħamsin ċenteżmu (Lm265.54), rappreżentanti l-import ta' tliet kambjali li baqgħu ma ġewx minnhom onorati, flimkien ma' l-imgħaxijiet relattivi, mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjala relattiva sad-data tal-pagament effettiv .

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom jiġi ssoportati kwantu għal sest (1/6) mill-konvenuti u l-bqija mis-soċjeta' attriċi stess.”

L-aggravji tas-socjeta` attrici skond l-appell introdott minnha mis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti huma dawn:-

(i) L-ammont kanonizzat ma kienx jirrifletti s-somma ammessa mill-appellati fin-Nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom;

(ii) Hi zbaljata l-konkluzjoni riferibilment ghall-allegat pagament ta’ erba’ mitt lira (Lm400), anke ghaliex tali pagament sar in konnessjoni ma’ vettura ohra precedentement komprata mill-konvenuti;

---

[8] Prim'Awla : J. Giordimaina vs J.Pace : 16.1.03 .

(iii) L-ewwel Qorti kkalkolat hazin l-interessi dovuti;

Jidher minn ezami ta' l-atti processwali illi l-kwestjoni bejn il-kontendenti kienet wahda li tiddependi mill-valur u mill-kredibilita` li l-ewwel Qorti kellha talloka lix-xhieda u lir-rizultanzi istruttorji ohra rilevanti ghall-fattispeci. Effettivament is-sentenza appellata tipprovdi kwadru car ta' dawk l-elementi sostanzjali li fuqhom imbaghad ibbazat il-konvinciment taghha illi s-somma reklamata ma kienetx dovuta fl-intier taghha imma f' ammont ferm ridott. Dwar dan, l-*iter* segwit mill-Qorti fil-valutazzjoni ta' dawk l-istess elementi hu wiehed ben kjarit. Lanqas ma jidher illi r-ragonament maghmul jiddifetta daqstant minn konsiderazzjonijiet ta' fatt jew ta' dritt li kellu jattira c-censura tas-socjeta` appellanti dwaru;

Hekk, ad ezempju, huwa veru li l-appellati accettaw fl-istadju bikri tal-kawza illi huma kienu debituri fis-somma bilancjali ta' sitt mija u wiehed u tmenin lira (Lm681), u dan gie sew registrat mill-istess Qorti. Hekk ukoll pero hu daqstant iehor veru illi fil-kors tal-kawza l-appellati irritrigaw din l-ammissjoni inizzjali tant li spiccaw biex isostnu illi mhux biss ma ghandhomx jaghtu xejn imma li hallsu zzejjed ukoll. L-ewwel Qorti qieset flimkien kemm dik l-ammissjoni kif ukoll il-provi l-ohra attendibbli u fil-kwadru ta' din l-indagini unitarja tal-provi issentitizzat il-valutazzjoni proprja u r-*ratio decidendi* taghha. Dan anke ghaliex, korrettement fil-fehma tal-Qorti, dik il-valutazzjoni taghha tal-materjal kollu probatorju ma kellux ikun limitat ghall-ezami izolat ta' l-ammissjoni inizzjali imma wiehed komprensiv ukoll tal-provi kollha suppliti mill-appellati. Isegwi minn dan illi l-ewwel ilment tas-socjeta` appellanti ma jistax jitqies sostenibbli;

It-tieni ilment, imbaghad, hu ghal kollox fattwalment bla bazi. Jirrizulta mill-ftehim ta' bejgh tal-21 ta' Frar 1997 (fol. 151) illi l-appellati kienu qed jixtru minghand s-

socjeta` appellanti permezz ta' *part-exchange* tal-vettura (Opel Corsa) li gja kellhom, karozza tal-marka Opel Astra. Kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjeta` appellanti, is-somma in kontanti ta' erba mitt lira (Lm400) versata mill-appellati fit-28 ta' Mejju 1997, u allura wara d-data tal-ftehim imsemmi, saret biex tkopri hlas parzjali ta' l-ammont nett bejn il-valur tal-karozza l-gdida u l-kreditu ghal karozza li kellhom. Ir-ricevuta rilaxxjata mill-istess socjeta` appellanti u esebita a fol. 144 ma thalli l-ebda dubju dwar dan in kwantu fiha testwalment jinghad li dik is-somma kienet hekk thallset "*on account of Opel Astra*";

Bit-tielet motiv ta' aggravju s-socjeta` appellanti tikkontendi illi dwar l-imghaxijiet kellu jittiehed qies tad-data ta' meta gew effettivament imhallsa l-kambjali. Hi ghalhekk targomenta illi l-istess imghaxijiet gew zbaljatament ikkalkolati mill-ewwel Qorti. Mit-tabellarju esebit flimkien mas-sentenza ma jidherx li dan hu hekk il-kaz. Jidher ukoll illi l-ewwel Qorti sewwa wkoll iddeterminat illi l-imghaxijiet fuq il-tliet kambjali li baqghu insodisfatti kellhom jiddekorru mid-data ta' l-iskadenza taghhom sad-data tal-pagament effettiv;

Meta wiehed jezamina l-Kodici tal-Kummerc relattiv ghall-istitut tal-kambjali jirrizulta li l-unika disposizzjoni li tittratta dwar l-imghaxijiet hi dik mahsuba fl-Artikolu 258 taht il-kappa "Fuq ir-Rikambju". In meritu, il-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, irriteniet illi dan mhux xi artikolu generali li jirregola r-rapporti kollha kambjarji proprju ghaliex dan l-artikolu qieghed fis-sezzjoni specjali tar-Rikambju u ghaliex fil-kaz ta' rivalsa kien mehtieg il-protest biex l-interessi jibdew jiddekorru mid-data tieghu. Ziedet tghid illi gjaladarba, ir-rapport baqa' bejn it-traent u l-accettant tal-kambjali l-interessi jghaddu ma' l-iskadenza tal-kambjali avolja din ma tkunx giet protesta. Ara "**Joseph Gatt Rutter *nomine* -vs- Francis Vella**", 28 ta' Frar 1944. Irid jinghad illi, appena xahar wara, din id-decizjoni giet sew ikkritikata mill-Qorti tal-Kummerc, per Imhallef S. Schembri fis-sentenza "**Joseph Gatt Rutter *nomine* -vs- Edward Galea**", 30 ta' Marzu 1944. Dan fis-

sens illi fuq it-taghlim tad-duttrina u tal-ligi Franciza, anke ghall-kaz prospettat mill-Qorti ta' l-Appell, l-interessi fuq ammonti dovuti bis-sahha ta' kambjalijiet jibdew jghaddu mill-gurnata li l-kambjali tkun giet protesta jew, fin-nuqqas ta' tali protest, minn meta ssir l-interpellazzjoni gudizzjarja. Tendenzjalment jidher li l-Qrati taghna segwew it-taghlim kif enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza surreferita pjuttost milli dak tas-sentenza l-ohra. Ara "**Dottor Albert Ganado *nomine* -vs- Dr. G. Dacoutros *et nomine***", deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Marzu 1983 konfermata in Sede Appell fis-17 ta' April 1989 u "**Ocean Way Company Limited -vs- L' Onda Limited *et***", Appell, 5 ta' Dicembru 2001;

Kif taraha din il-Qorti, fil-kaz prezenti d-deduzzjoni ta' l-ewwel Qorti hu in sintonija ma' dan il-hsieb affermat u ghalhekk ma ssibx raguni biex tiddissenti minnha. Anke allura dan l-aggravju qed jigi skartat in kwantu insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell fl-aggravji kollha tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` attrici appellanti. Dawk ta' l-ewwel Qorti jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------